MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-2 ta' Frar, 2009

Numru 1113/2005

Il-Pulizija
(Spettur Jesmond Borg)
Vs.
Raymond Sultana

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 200757(M) akkuzat talli:

1. nhar it-22 t’Ottubru 2004 filwaqt li kien fil-vettura tal-ghamla Skoda, mudell Felicia, ta’ lewn blu u bin-numru ta’ registrazzjoni: FAP-252, li kienet tinsab ipparkeggata fl-inhawi ta’ Triq il-Belt il-Hazna, il-Furjana offenda l-pudur jew il-morali, b’ghemil li sar f’lok pubbliku, jew f’lok espost ghall-pubbliku u dana bi ksur tal-Artikolu 209 tal-Kap 9.
2. sar recidiv b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta liema saru definittivi.

Il-Qorti mitluba sabiex tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap 9.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta;

Semghet lill-akkuzat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Li stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat issibu hati tal-akkuzi kontrih dedotti.

Rat l-Artikolu 209, 49 u 50 tal-Kap 9 u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' tlett xhur mil-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446.

Ma tarax ghalfejn ghandha tapplika kontra l-akkuzat l-Artikolu 22 tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------